# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 585/2022**

**Carmel Joseph Farrugia (ID 809351M)**
**vs**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmel Joseph Farrugia (ir-rikorrent) tat-3 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Illi l-esponenti kien ghamel proceduri quddiem l-organi kostituzzjonali ta` Malta bil-kawza 35/2011 li giet deciza fil-5 ta` April 2013 mill_Qorti Kostituzzjonali ta` Malta.
>
> F`dik il-kawza l-fatti dawn, u cioe` li ma kellux smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kiriminali, liema sentenza kienet strahet fuq xiehda ta` allegat komplici, wara li dan kien il-kaz tieghu fl-appell kriminali kien gie deciz mill-Onor Imhallef Dr Vincent Degaetano.

Sussegwentment l-esponenti ghamel proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem illi kif tghid il-ligi Maltija fil-kap.319 tal-Ligijiet ta` Malta, dak li jigi deciz mill-Qorti Ewropeja jkollu effett u validita hawn Malta. Minkejja li jinghad illi l-Qorti Ewropeja mhijiex grad ta` appell iehor pero` filfatt id-decizjonijiet tal-istess skont il-ligi Maltija jorbtu. Tant hu hekk illi fejn il-ligi tigi dikjarata li tivvjola l-Konvenzjoni Ewropeja l-Prim Ministru nghata l-poter legizlattiv li jhassar dik il-parti li tkun qed tivvjola tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi waqt il-proceduri precedenti,32/2003, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Maltija meta dak iz-zmien il_president tal-Qorti kien l-Onor. Imhallef Dr Vincent De Gaetano, fis-seduta tal-14 ta` Frar 2005 wara li kienet tqajmet l-eccezzjoni ta` rikuza kontra l-Onor .Imhallef President tal-Qorti Dr Vincent De Gaetano, kien gie sottomess u deciz dan li gej:

“Fic-cirkustanti,ghalhekk, hemm lok li tintlaqa` l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Prim Imhallef.

Ghall-motivi premessi tilqa` l-eccezzjoni msemmija u tiddiferixxi l-appell ghal nhar il-Gimgha 29 ta` April 2005 sabiex jinstemma` minn din il-Qorti diversament komposta. “Kopja tad-decizjoni qed tigi annessa Dok A

Minn dan jirrizulta manifest illi l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano kein irrikuza ruhu milli jisma l-kawza mill-aspett kostituzzjonali fejn kien hemm allegazzjoni ta` ksur tal-Artiklu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament. Illi L-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano wara li ghamel zmien bhala President tal-Qorti Kostituzzjonali f` Malta gie maghzul biex ikun imhallef fil-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Lejn l-ahhar tal-mandat tieghu nghatat sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Tal-Bniedem u `f din is-sentenza l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano ippartecipa mhux biss jippartecipa izda qabel li jincahad kull l-ilment tal-istess Carmel Joseph Farrugia.

Illi ghandu jinghad illi meta issir l-applikazzjoni ghal quddiem il-Qorti Ewropeja din wara li tinghata numru u jsiru proceduri preliminari u had ma jkun jaf minn se jkun gudikant, dak id-dokument ikun l-uniku wiehed li fih l-applikant jaghmel l-argumenti tieghu u l-fatti tieghu u jipproduci d-dokument tieghu. Kieku ghaddew ftit xhur ohra, L-imhallef Malti kien jiskadilu t-terminu, U jsir haddiehor, u ghalhekk qatt ma wiehed jista` jobsor min se jkunu l-imhallfin.

Wara l-Qorti Ewropeja tibghat id-dokumenti permezz tar-Registru ta` dik il-Qorti lil Gvern Malti kemm il-darba l-ilment jitqies li huwa ammissibbli. Filfatt, f` Dan il-kas hekk gara. Pero ma jkun hemm qatt indikat minn qabel min se jkunu l-imhallfin li se jiggudikaw il-kas. WIehed ikun jaf min kienu il-gudikanti biss wara li tinghata s-sentenza u l-ismijiet taghhom ikunu mnizzlin.

Ghalhekk skont is-sistemma biex ikun fair hearing kien responsabbilita tal-gudikant fil-Qorti Ewropeja li jirrikuza ruhu u ma jippatecipax f` dak il-process altrimenti l-partecipazzjoni tieghu tinficja l-process kollu tal-fair hearing u tal-process gust.

Sentenza important hafna tal-Qorti Ewropeja dwar l-imparzjalita tal-gudikanti hija Micallef vs Malta. Fdak il-kas l-Imhallef il-President tal-Qorti li mieghu kellu zewg imhallfin ohrajn kien jigi minn avukat li kien qed jippatocinja parti. Minhabba din il-parentela tal-President il-Qorti Ewropeja ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni tal-imparzjalita`. Ghalhekk il-Qorti Ewropeja hija marbuta bl-istess regoli taghha illi dak li tkun qed tiddeciedi, tiddecidih b` imparzjalita u indipendenza. Dawn il-fatti huma ppruvati minn diokumenti aktar milli xhieda etc.

Barra minn hekk, barra s-sentenza ta` Micallef vs Malta hemm diversi sentenzi fejn il-Qorti Ewropeja kienet annullat proceduri ta` qrati ohra fl-Ewropa fejn mal-gudikanti kien jippartecipa il-prosekutur u dan ghaliex ma jaghtix il-fair balance li hemm bzonn.

Ta` min jghid ili meta imhallef Malti li normalment joqoghod f` kawzi ta` drittijiet fundamentali ma jirrikuza ruhu l-imhallef Vincent De Gaetano diversi drabi ohrajn rrikuza ruhu, min ikun imhallef jissostitwih tinduna biss wara li tohrog is-sentenza.

Illi f` dan il-kas ghalhekk kien hemm ksur tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minn organu li illum irid jitqies bhala parti integrali mis-Sentenza gudizzjajrja Maltija.Illi naturalment hemm il-htiega li jinghata rimedju ghal dan ghaliex l-epsonenti dawn il-fatti behsiebu jehodhom quddiem il-Qorti Ewropeja stess kemm il-darba jinstab li mhux possibli jinghata rimedju lokalment.Il-htiega ta` tribunal imparzjali u indipendenti japplika mhux biss ghall-qrati lokali imma wkoll ghal-oghla qorti fuq drittijiet tal-bniedem.

Is-sentenza tal-Qorti Ewropea hija dik deciza fis-7 ta` Mejju,2019, Farrugia v Malta li saret definitiva fis-7 ta` Ottubru,2019.

L-ewwel pagna taghha hi esebita ma` dan ir-rikors. Dok B

Ghaldaqstant, l-esponenti jilmenta li huwa vittma ta` unfair trail fid-drittijiet konvenzjonali tieghu kif fuq spjegat u dan bi ksur tal-Artiklu 6 tal-

Konvenzjoni

**Vjolazzjoni tal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

Fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien gie esibit safe li ttiehed minghand ir-rikorrenti. Dan jirrizulta mill-atti u anke mill-ircevuta li ghandu l-istess rikorrenti li l-fatt tas-safe ghadda minghand il-puluzija ghal ghand il-qorti.

Illi l-esponenti ghamel ricentement rikors halli jista` jirtira l-istess uesibixxa wkoll kopja tar-ricevuta li kellu hu talli s-safe gie esibit fil-proceduri.

Illi b`digriet moghti il- Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat li dake is-safe m`ghadux jezisti u ghalhekk ma setax jigi rritornat lilu.

Illi m`hemmx kontestazzjoni li dan is-safema kienx maghmul minn kaxxa tal-kartun taz-zraben u forsi ttiekel bil-kamla.Kien maghmul tal-hadid u kellu fih kemm flejjes ,affarijiet personali u fuq kollox dokumenti tan-negozju.Illi l-fatt illi l-istat ma rritornax l-istess safe u mhux qieghed jaghti spjegazzjoni accettabbli kif dan is-safe esibit u li ma giex konfiskat f` xi sentenza jisparixxi b`dak il-mod. Dan jikkostitwixxi interfenza mhux legittima mal-possedimenti tar-rikorrenti u dan bi vjolazzjoni tal-ewwel artiklu protokoll tal-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Wara li spiccaw il-proceduri, ma kienx izjed legali li s-safe jinzamm.

**Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi**

**(1) Tiddikjara li kontra tieghu hemm vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;**
**(2) Tiddikjara li kontra tieghu hemm vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess konvenzjoni.**
**(3) Taghtih rimedju effettiv**
**(4) Taghtih id-danni kemm pekunjarji u kemm morali li jaghmlu ghal kaz.**

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tad-29 ta’ Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

***Timeline***

1. Illi fit-2 ta’ Frar, 2002, ir-rikorrent kien akkużat, flimkien ma ċertu Anthony Farrugia, talli fid-29 ta’ Jannar 2002, wara nofsinhar:

    a. Bil-qerq ħoloq jew ġiegħlu jidher li donnu hemm fatt jew ċirkustanza sabiex dan il-fatt jew ċirkustanza jkunu jistgħu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta’ reat;

    b. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar; u aktar

    c. Kif ukoll talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkustanzi, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta’ flus

ta' sigurtà kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mez li jkun ħwejjeġ tiegħu (jew ta' ħaddieħor).

Ir-rikorrent kien mixli wkoll talli:

d. F'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanzi, ħalef il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa mil-liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;

e. F'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien instab ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

2. Illi fis-7 ta' Ottubru, **2002**, il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju tal-imputati, liema talba ġiet milqugħa. Il-każ kontra Anthony Farrugia pproċeda u fit-30 ta' Ġunju, **2003** ġie misjub ħati biss skond l-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih. Anthony Farrugia appella iżda dan l-appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef V. De Gaetano permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-2 ta' April, **2004**.

3. Illi fil-frattemp, ir-rikorrent fetaħ proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel Joseph Farrugia vs. Avukat Ġenerali [32/2003 GCD]**. F'dawk il-proċeduri, ir-rikorrent allega li sofra ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex, skond hu, ma tqiesx innoċenti sakemm ma jiġix provat ħati skond il-liġi. It-talbiet tiegħu ġew miċħuda minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' sentenza datata 22 ta' Ottubru, 2004. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza. Quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent talab li l-Imħallef De Gaetano jirrikuża ruħu peress li hu kien iddeċieda l-kawża kriminali miġjuba kontra Anthony Farrugia kif hawn fuq spjegat. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-14 ta' Frar, **2005** (anness mar-rikors promotur), din it-talba ġiet milqugħa. L-appell tar-rikorrent eventwalment ġie miċħud u s-sentenza appellata ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Ottubru, **2005**.

4. Illi wara li ngħatat din is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali, il-każ kriminali kontra r-rikorrent ipproċeda. Notevolment, fis-seduta miżmuma nhar id-19 ta' Mejju, 2006, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja infurmat lill-partijiet li s-*safe* li kien ġie eżebit kien inqered f'nar li ħakem l-uffiċċju tal-Awla 2 fit-12 ta' Lulju, **2004** (ara Dok. 'A').

5. Illi l-kawża kriminali miġjuba kontra r-rikorrent ipproċediet u permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-23 ta' Jannar, **2007**, ir-rikorrent ġie lliberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza. Permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-21 ta' Ġunju, **2007, i**l-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef J. Galea Debono laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali limitatament u r-rikorrent ġie misjub ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih u kien ikkundannat għal sena priġunerija sospiża għal erba' snin.

6. Illi sussegwentement, ir-rikorrent fetaħ kawża kostituzzjonali *oħra* fl-ismijiet **Carmel Joseph Farrugia vs. Avukat Ġenerali [35/2011 JA]** b'rabta mal-proċeduri kriminali surreferiti. Fiha r-rikorrent argumenta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu Erbgħa tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent f'sentenza mogħtija nhar id-29 ta' Ottubru, **2012**. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza iżda hawn ukoll, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħditlu l-appell tiegħu permezz ta' sentenza mogħtija fil-5 ta' April, **2013**.

7. Illi fit-30 ta' Settembru, **2013**, ir-rikorrent ppreżenta applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn saħaq li hu sofra leżjoni tal-Artikolu 6(1) moqri flimkien mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni minħabba n-nuqqas ta' assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija tiegħu mill-Pulizija. F'dak iż-żmien, l-Imħallef De Gaetano kien l-imħallef Malti li kien jifforma parti mill-ġudikatura tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. *Ai termini* tar-Regola 26 tar-*Rules of Court* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Imħallef De Gaetano kellu jifforma parti mill-komposizzjoni tal-Qorti peress li l-każ kien jikkonċerna lil Malta.

8. Illi jidher li r-rikorrent ma ressaq ebda ilment in kwantu għall-parteċipazzjoni tal-Imħallef De Gaetano bħal ma kien għamel fl-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu, minkejja li kien jaf, jew messu kien jaf, li l-Imħallef De Gaetano kellu, bħala regola, joqgħod fuq dak il-każ. Forsi stenna li mill-mijiet ta' kawżi li ddeċieda l-Imħallef De Gaetano (kemm fil-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali kif ukoll fil-Qrati Ċivili) matul is-snin, l-istess Imħallef kellu jiftakar id-**digriet tal-14 ta' Frar, 2005**? Li hu żgur huwa li r-rikorrent bagħat lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kopja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' April, 2013, peress li hi kienet il-bażi tal-ilment tiegħu u li f'din is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma hemm ebda referenza għad-digriet tal-14 ta' Frar, 2005. Tajjeb jingħad li *ai termini* tar-Regola 29 tal-imsemmija *Rules of Court*, meta imħallef minn stat membru ma jkunx jista' jisma' każ, għandu jiġi nominat imħallef *ad hoc* minn lista magħmula appożita minn kull stat

membru. Peress li ma tqajjem ebda ilment dwar l-Imħallef De Gaetano, din il-proċedura ma ġietx adoperata.

9. Illi l-każ tar-rikorrent, **Farrugia v. Malta [63041/13]**, ġie deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju, 2019, bl-istess qorti tiddeċiedi b'ħames voti favur u tnejn kontra li r-rikorrent ma ġarrabx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ir-rikorrent talab li l-każ jintbagħat quddiem il-Kamra l-Kbira tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iżda din it-talba ġiet miċħuda. L-imħalfin li qiesu din it-talba kienu lkoll barranin. Is-sentenza mogħtija għalhekk saret waħda finali fis-7 ta' Ottubru, 2019. Mhux ċar mir-rikors promotur jekk ir-rikorrent ilmentax quddiem il-*Grand Chamber Panel* dwar il-kwistjoni tal-presenza tal-Imħallef De Gaetano fil-komposizzjoni li tat id-deċiżjoni tagħha fl-4 ta' Ġunju, 2019. Jekk qajjem il-kwistjoni u l-*Grand Chamber Panel* irrifjuta li jirreferi l-każ lill-Kamra l-Kbira, ifisser li anke dik il-Qorti barranija u supra-nazzjonali kienet tal-fehma li ma kienx hemm *fumus iuris* f'dak l-ilment; jekk ir-rikorrent ma qajjimx il-kwistjoni, ifisser li kellu rimedju ordinarju li ma eżawriex.

10. Illi permezz ta' din il-kawża kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea bil-parteċipazzjoni tal-Imħallef De Gaetano fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ u, apparti minn hekk, li t-telf tas-*safe* tiegħu jikkostitwixxi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

11. Illi preliminarjament, sa fejn l-ilment jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, **din l-azzjoni hi għal kollox improponibbli**. L-ilment tar-rikorrent huwa li hu ma kellux smigħ xieraq quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għaliex l-Imħallef De Gaetano ppresjeda fil-kawża tiegħu meta, skond ir-rikorrent, messu rrikuża ruħu.

12. Illi qabel xejn, jibda billi jingħad li fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 1 tal-istess jobbliga lill-Partijiet Għolja Kontraenti, ossia l-Istati Membri, li "*jassiguraw lil kull min jaqa taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom id-drittijiet u l-libertajiet kif msemmija fis-Sezzjoni I ta' din il-Konvenzjoni*." Bla dubju, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (u għal kull buon fini, anke il-Kunsill tal-Ewropa) mhiex soġġetta għall-Konvenzjoni, iżda huma biss l-imsemmija Partijiet Għolja Kontraenti tal-istess Konvenzjoni li huma obligati jimplimentawha. Isegwi għalhekk li fundamentalment, il-Konvenzjoni stess teskludi dak propost mir-rikorrent.

13. Illi apparti minn hekk, l-Istat Malti m'huwiex responsabbli għall-operat tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema qorti hi waħda indipendenti u awtonoma. Il-Qorti Ewropea hi forum

internazzjonali stabbilit b'trattat multilaterali li l-istati membri tal-istess trattat ilkoll issottomettew għall-ġudizzji tagħha. B'ebda mod ma jista' jingħad li l-istess qorti hi "organu" – kif iddeskriviha r-rikorrent – tal-Istat Malti jew ta' kwalsiasi stat ieħor.

14. Illi l-Istat Malti jista' jinstab responsabbli biss għall-aġir tal-aġenti tiegħu u għas-sistemi u liġijiet li huwa responsabbli għalihom. L-Imħallef De Gaetano, fil-qadi tal-funzjoni tiegħu fi ħdan il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, la kien jirrappreżenta l-Istat Malti (ara l-Artikolu 21(3) tal-Konvenzjoni) u anqas kien aġent tal-Istat Malti. L-aġent ta' l-Istat Malti quddiem dik il-Qorti kien l-Avukat Ġenerali, illum l-esponent. Apparti minn hekk is-sistemi tal-istess Qorti joperaw indipendentement mill-Istat Malti.

15. Illi dak li qiegħed jittenta jagħmel ir-rikorrent permezz ta' dawn il-proċeduri huwa inawdit u bla preċedent. Hu qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illediet id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. L-argument tiegħu mhuwiex sempliċiment infondat iżda huwa inkonċepibbli u assurd.

16. Illi *in linea* mal-premess, din l-Onorabbli Qorti la għandha l-**ġurisdizzjoni** u wisq anqas il-**kompetenza** li tisma' din il-kawża.

17. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex il-**leġittimu kontradittur** f'din l-azzjoni. Dan għaliex kemm fl-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u anke fl-Artikolu 2 tal-Kap. 603, l-Avukat tal-Istat huwa vestit bir-rappreżentanza ġuridika tal-Gvern ta' Malta **biss** u mhuwiex responsabbli għal atti ta' awtoritajiet esteri. Għalhekk l-esponent għandu jiġi **liberat mill-osservanza tal-ġudizzju**.

18. Illi meqjus dan kollu għalhekk, ladarba ma hemm ebda qafas legali li abbażi tiegħu din l-Onorabbli Qorti tista' tissindika l-aġir tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-talbiet rikorrenti sa fejn huma msejsa fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment, l-esponent huwa tal-fehma li minn dan l-aspett, din il-kawża hi għal kollox frivola u vessatorja u konsegwentement għandha minn din l-Onorabbli Qorti tiġi hekk dikjarata.

**<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>**

19. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u unikament fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tqis li tista' tissindika l-aġir tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-talbiet tar-rikorrent in kwantu għall-allegat ksur tal-Artikolu 6 huma xorta waħda infondati.

20. Illi jibda billi jingħad li r-rikorrent kellu **rimedju ordinarju** li seta' jutilizza quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta kienet fl-istadju ta' Kamra. Ir-rikorrent seta' faċilment jitlob għar-rikuża tal-Imħallef De Gaetano billi jagħmel referenza għad-digriet

tal-14 ta' Frar, 2005. Kollox jindika iżda li ma għamel xejn minn dan. Konsegwentement, *ai termini* tal-**Artikolu 4(2)** tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li naqas milli jutilizza, din l-Onorabbli Qorti għandha **tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha**.

21. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatt jibqa' li l-Imħallef De Gaetano kien involut f'deċiżjoni dwar il-kompliċi, Anthony Farrugia, u qatt ma kien ippronunzja ruħu fil-konfront tar-rikorrent. Għalhekk, din ma kienitx materja li tirrikjedi r-rikuża tal-Imħallef De Gaetano mill-Qorti ta' Strasburgu.

22. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent irid juri li l-presenza tal-Imħallef De Gaetano fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem attwalment – mhux ipotetikament – wasslet għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Dan jingħad in vista tal-fatt li l-Imħallef De Gaetano ddeċieda mijiet ta' kawżi matul is-snin u r-rikorrent qiegħed jippretendi li, **wara t-trapass ta' xejn inqas minn erbatax-il sena**, l-Imħallef De Gaetano kellu jiftakar li kien irrikuża ruħu f'kawża li kienet tikkonċerna lir-rikorrent, u dan mingħajr avviż ta' x'kien ġara tant snin qabel. Jekk l-Imħallef De Gaetano kien kompletament inkonsapevoli tal-fatt li kien irrikuża ruħu erbatax-il sena qabel, kif qatt jista' jiġi konkluż li l-Imħallef De Gaetano ma messux ipparteċipa fil-każ tar-rikorrent quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem?

23. Illi meqjus dan kollu, ir-rikorrent ma ġarrab ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

24. Illi sa fejn l-ilment jirrigwarda l-allegat ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea, hawn ukoll, il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati.

25. Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jisħaq tliet regoli distinti u cioè:

   a. L-ewwel regola, kif spjegata fl-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu, b'mod ġenerali tiddikjara l-prinċipju tal-godiment paċifiku tal-proprjetà;

   b. It-tieni regola, fit-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu, tolqot id-deprivazzjoni mill-proprjetà u kif din tista' sseħħ taħt ċerti kundizzjonijiet;

   c. Finalment, it-tielet regola kif spjegata fit-tieni paragrafu, tispeċifika kif l-Istati Membri huma entitolati jinterferixxu u jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà fl-interess ġenerali.

26. Illi fis-sentenza ta' **Hutten-Czapska v. Il-Polonja**[1] ġie spjegat li l-interferenza tal-Istat fuq użu ta' proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:

    a. Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;

    b. L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu;

    c. Il-mizura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-individwu.

27. Illi ma għandu jkun hemm ebda dubju li l-elementi kollha hawn fuq spjegati huma sodisfatti fil-każ odjern. L-elevazzjoni tas-*safe* kienet legali, sservi għan leġittimu u proporzjonata. Għalhekk, ma seħħ ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

28. Illi apparti minn hekk, kif diġà ngħad u kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors promotur, skond il-verbal tad-19 ta' Mejju, 2006, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja infurmat lill-partijiet li s-*safe* li kien ġie eżebit kien inqered f'nar li ħakem l-uffiċċju tal-Awla 2 fit-12 ta' Lulju, 2004. Għalhekk, kuntrarjament għall-impressjoni li qiegħed jagħti fir-rikors promotur, ir-rikorrent ilu jaf li dan is-*safe* inqered mill-inqas minn Mejju, 2006. Forsi r-rikorrent m'għandux l-memorja impekkabbli li jippretendi li għandu jkollu l-Imħallef De Gaetano? Fi kwalunkwe każ, il-fatt li r-rikorrent ma jridx jaċċetta li s-*safe* inqered minħabba inċident imprevvist ma jfissirx li hu ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu.

29. Illi ulterjorment għandu jingħad li r-rikorrent, minkejja li kien jaf x'kien ġara lil dan is-*safe* sa minn Mejju, 2006, qatt ma ħa passi biex jikkawtela jew jenforza d-drittijiet tiegħu. Ir-rikorrent kellu kull għażla li jipproċedi b'kawża għad-danni iżda, għal raġunijiet li jaf hu biss, ma għamel xejn, u issa qiegħed jipprova jinqeda b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali biex jottjeni danni pekunjarji. Ta' min ifakkar li proċeduri kostituzzjonali huma ntiżi sabiex jiġu mistħarġa ilmenti ta' natura kostituzzjonali u mhux biex jiġu trattati materji purament ċivili.

30. Illi *in linea* mal-premess, sa fejn l-ilment jirrigwarda l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, ladarba r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli għalih, l-esponent huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha, *ai termini* tal-**Artikolu 4(2)** tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha.

31. Illi għalhekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, huwa manifest li l-ilmenti kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent huma

[1] Hutten-Czapska v. Il-Polonja [35014/97], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 19 ta' Ġunju, 2006.

sempliċiment fiergħa u vessatorji u għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjarhom bħala tali.

32. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors.

Rat u semgħet ix-xhieda tal-persuni prodotti fil-perkors tar-rikors miż-żewġ partijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fit-2 ta' Frar 2002 ir-rikorrent kien akkużat li wettaq għadd ta' rejati. Dakinhar tressaq flimkien ma' ieħor jismu Anthony Farrugia. Fis-7 ta' Ottubru 2002, il-presekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju b'mod li l-każ ta' Anthony Farrugia kien deċiż għalih waħdu fit-2 ta' April 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kienet presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano.

Ir-rikorrent min-naħa tiegħu fetaħ proċeduri ta' natura Kostituzzjonali pendenti l-proċeduri kriminali peress li allega li fil-proċeduri kontrih ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-presunzjoni ta' l-innoċenza bil-mod kif ġew kondotti l-proċeduri kontra tiegħu u dan bi ksur tal-artikoli 6 u 39 tal-konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament.

B'Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2004 it-talbiet tiegħu kienu miċħuda b'dana kollu interpona appell għal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fost l-Imħallfin li kkomponew dik il-Qorti kien hemm l-Imħallef Vincent De Gaetano li allura kien iddeċieda l-każ ta' Anthony Farrugia li inizjalment kien ko-akkużat mar-

rikorrent qabel ma intalbet is-separazzjoni tal-Ġudizzju. Għalhekk ir-rikorrent talab ir-rikuża tal-Imħallef Vincent De Gaetano. Permezz ta’ digriet tal-14 ta’ Frar 2005 it-talba għar-rikuża kienet milqugħa b’dana kollu l-appell tiegħu ġie miċħud fid-19 ta’ Ottubru 2005.

Waqt li kienet għadha miexja l-kawża kriminali kontra r-rikorrent, fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2006, il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza istruttorja tagħha ġabet a’ konjizzjoni tar-rikorrent li *s-safe* li kien ġie esebit kien inqered fin-nirien li ħakmu l-kamra tal-Awla fit-12 tal-Lulju 2004.

Il-Kawża Kriminali kontra r-rikorrent issoktat biex permezz ta’ Sentenza tat-23 ta’ Jannar 2007 ir-rikorrent kien illiberat mill-akkużi kollha li kienu nġabu kontra tiegħu. Konsegwentement l-Avukat Ġenerali interpona Appell mis-Sentenza għal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Joe Galea Debono. B’Sentenza ta’ dik il-Qorti datata 21 ta’ Ġunju 2007, kienet varjata l-ewwel Sentenza inkwantu sabitu limitatament ħati fir-rigward ta’ ċertu imputazzjoni u allura ikkundannatu għal sena priġunerija sospiża għal erbgħa snin.

Sussegwentement ir-rikorrent intavola proċeduri kostituzzjonali u għal darba oħra invoka l-ksur tal-artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament, apparti wkoll ksur tal-artikolu 4 tas-Sebgħa Protokoll tal-Konvenzjoni. B’Sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2012 it-talbiet tiegħu kienu miċħuda.

Ir-rikorrent interpona appell għal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li wkoll ċaħditlu t-talbiet. Fit-30 ta’ Settembru 2013, ir-rikorrent għamel

applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropeja Għall-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ECHR) għaliex sostna li kienu nkisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif minħarsa mill-artikoli 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni u dan għaliex meta rrilaxxja l-istqarrija huwa ma kienx assistit minn avukat.

Ġara, li fost l-Imħallfin li kienu jikkomponu l-ECHR kien hemm ukoll l-Imħallef Vincent De Gaetano kif nominat għal din il-Kariga mill-Istat Malti. Fl-4 ta' Ġunju 2019 l-ECHR iddeċidiet l-applikazzjoni tar-rikorrent fis-sens li ma kienx ġarrab ebda ksur tad-drittijiet tiegħu. Ir-rikorrent talab li l-każ tiegħu jintbagħat quddiem il-Kamra l-Kbira tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li wkoll ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

**Punti ta' Liġi**

L-ilmenti tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri huma fis-sens, li huwa ġarrab ksur tal-prinċipju ta' smigħ xieraq kif sanċit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni minħabba l-parteċipazzjoni tal-Imħallef Vincent De Gaetano fil-proċeduri quddiem l-ECHR u kif ukoll bit-telf tas-*safe* mertu ta' dawn il-proċeduri hemm ksur ta' l-artikolu 1 tal-Protokoll.

**Konsiderazzjonijiet**

Minħabba n-natura pjuttost partikulari tal-proċedura, il-Qorti tħoss li għandha l-ewwel tiddeċidei l-eċċezzjoni tal-intimat Avukat ma hux il-leġittimu kontradittur u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u anke Artikolu 2 tal-Kap 603 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jibda biex jingħad li l-kompetenza ġenerali tal-intimat Avukat huma minn artikolu 91A tal-Kostituzzjoni li fost oħrajn jistabilixxi s-segwenti:

*"L-Avukat tal-Istat għand jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijietoħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxifil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra"*. (Emfażi tal-Qorti.)

Minn dan l-artikolu jemerġi b'mod ċar li meta l-Istat Malti jiżbalja jew ma jagħmilx l-affarijiet skont il-liġi, tiskatta l-obbligu tal-intimat Avukat li jikkoreġi l-għemil ħażin statali u dejjem meta jkun hekk titlob minnu l-liġi u mhux minn jheddu (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Bernard Grech -vs- Avukat tal-Istat tat-2 ta' Diċembru 2024**).

Issa dak li qed jitlob ir-rikorrent hu, li l-intimat Avukat iwieġeb għal deċiżjoni li ma ġietx immessa minn Qorti lokali iżda mill-ECHR li hija Qorti supra nazzjonali. Il-Qorti ma tarax li l-intimat ma għandux poteri li jista' jikkoreġi xi żball jew nuqqas ta' din il-Qorti u dato ma non concesso li kien nuqqas dan ma jistax iwieġeb għalih l-intimat Avukat.

Għalhekk fir-risposta tiegħu wieġeb sewwa l-intimat Avukat meta jgħid li huwa "*vestit bir-rappresentanza guridika tal-Gvern ta' Malta biss u li ma huwiex responsabbli għall-atti ta' awtoritjiet esteri*". Il-Qorti tfakkar ukoll, li

r-rikorrent qiegħed jitlob ukoll danni pekunjarji u non-pekunjarji. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-intimat Avukat tassew ma hux il-leġittimu kontradittur peress li hija ħaġa legalment inimaġinabbli li din il-Qorti tikkundanna lill-intimat Avukat għal dawn id-danni minħabba ħaġa li ma kinitx tiddependi mill-Istat Malti.

D'dana pero', dan l-argument ma japplikax għal dik il-parti tal-ilment tar-rikorrent inkwantu jirrigwarda l-għibien tas-*safe*. Jekk din il-Qorti għandiex tiddeklina milli teżerċita l-poteri lilha ffidati mil-Kostituzzjoni ta' Malta fil-każ ta' dan l-ilment, hija kwistjoni oħra li ser tkun trattata aktar 'l isfel.

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-intimat Avukat sa fejn jirrigwarda l-ksur tas-smigħ xieraq iżda mhux sa fejn jirrigwarda l-artikolu 1 tal-Protokoll numru wieħed tal-Konvenzjoni.

Minkejja li din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-intimat Avukat kif ingħad, xorta tħoss għas-sodisfazzjon tal-partijiet u fid-dawl tan-novita' tal-każ, li għandha tagħmel ċertu osservazzjonijiet kwantu jirrigwarda s-smigħ xieraq.

<u>*Artikolu 6 tal-konvenzjoni*</u>

L-argument prinċipali tar-rikorrent huwa fis-sens, li qabel ma kienet immessa s-Sentenza tal-ECHR tal-4 ta' Ġunju 2019, huwa qatt ma seta' jkun jaf li l-Imħallef Vincent De Gaetano kien ser jippartecipa fil-proċedura u deċiżjoni inkwistjoni. Di fatti r-rikorrent jixhed li "*Jiena qatt ma bsart Sur Imhallef illi bniedem li huwa Malti ser ikun fuq il-bank biex jiddeciedi*

*sentenza kontra Malti iehor hemmhekk*. *Qatt ma bsartha. Qatt ma bsartha. Li ma tagħmilx sens għalija"* (a' fol 40).

Hawn il-Qorti tfakkar li artikoli 22 u 25 tat-trattat sottofirmat mill-Istati membri għall-Konvenzjoni jiddisponu dwar il-ħatra tal-Imħallfin li "*The judges shall be elected by the Parliamentary Assembly with respect to each High Contracting Party by a majority of votes cast from a list of three candidates nominated by the High Contracting Party*". Issa membri hemm 46 u allura Imħallef għal kull pajjiż membru. La fit-trattat u l-anqas fir-Regolamenti tal-Qorti ma hemm provdut li l-Imħallef ta' Stat membru ma għandux jipparteċipa f'xi deċiżjoni tal-Qorti meta każ ikun kontra pajjiżu għall-fatt biss li l-azzjoni hija kontra pajjiżu.

Issa meta r-rikorrent intavola l-petizzjoni tiegħu quddiem l-ECHR kien notorjament u pubblikament magħruf, li l-Imħallef Vincent De Gaetano kien l-Imħallef nominat mill-Istat ta' Malta. Din l-informazzjoni kienet tinsab fid-dominju pubbliku. Għalhekk ma kienx hemm għalfejn ikun jaf bil-miktub li l-Imħallef Vincent De Gaetano kien parti mill-Qorti għaliex din kienet ħaġa minn awl id-dinja. Tant hu hekk, li kieku r-regolamenti tal-ECHR ma kinux jiddisponu hekk:

"*Only parties to the proceedings may request recusal of a judge assigned to sit in their case for the reasons listed in paragraph 2 of this Rule. Any such request must be duly reasoned and lodged as soon as possible after the party concerned learns about the existence of such reasons. It shall be decided by the Chamber in accordance with the procedure described in*

*paragraph 3 of the present Rule. The parties shall be informed whether or not their request has been accepted".*

Huwa minnu li fit-talba lill-Grand Chamber, ir-rikorrent ressaq dan l-ilment imma f'dak l-istadju kien tard wisq. Anke taħt ir-reġim legali tagħna hemm regola li tiddisponi li jekk it-talba għar-rikuża ma tintalabx *ad limine* titqies ma ntalbitx u ma tistax titqanqal fi stadju ulterjuri tal-kawża jekk mhux għall-fatt li jkun skopert wara li bdiet il-Kawża u l-persuna ma setgħetx tkun taf bih (Ara artikolu 739 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Di fatti ciononostante li l-kwistjoni kienet imqanqla, il-Grand Chamber xorta ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

Fi ftit kliem meta r-rikorrent jgħid dak li qal biex jiġġustifika t-talba tiegħu fis-sens li ma kienx jaf bl-istat verifikabbli u pubbliku tal-liġi, iffisser li qiegħed jinvoka l-injoranza tal-liġi u kif kulħadd jaf, "*ingnorantia juris nemo excusat*" (Ara **Sentenza tas-16 ta' April, 2012, Appell Ċivili fl-ismijiet Richard John Bridge v. Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja**).

B'bana kollu l-Qorti trid tosserva li l-Imħallef Vincent De Gaetano jixhed li l-fatti kienu daqqewlu iżda ma kienx għamel konnessjoni ma' xi Sentenza li ddeċieda jew li kellu x'jaqsam magħha. Jispjega li saru r-riċerki u jgħid li l-unika Sentenza li sabu kienet dik tal-5 ta' April 2013 u dik tal-Appell Kriminali tat-2 ta' April 2004 fejn ma jissemma' xejn li kien hemm rikuża (a' fol 81).

Ir-rikuża kienet fl-14 ta' Frar 2003 (a' fol 6). Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2024 jixhed hekk: "*Il-fatti smajthom x'imkien u ridt inkun naf kif smajthom u*

*imbagħad sibt Sentenza kontra Anthony Farrugia tat-2 ta' April 2004 __li kont iddeċidejtha jiena u għedt mela hemm hekk niftakarha__*" (a' fol 98).

Issa mis-seduta tat-2 ta' April, 2004 Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Farrugia jirriżulta, li l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Anthony Farrugia (oriġinarjament imputat flimkien ma' Carmel Joseph Farrugia) jingħad li talli fl-Imsida nhar **id-29 ta' Jannar, 2002** wara nofs in-nhar (1) bil-qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkustanza sabiex dan il-fatt jew ċirkustanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat; (2) kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar; u, aktar (3) talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkustanzi, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta` kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġa, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mezz li jkunu ħwejjeġ tiegħu (jew ta' ħaddieħor).

Issa l-fatti fil-Kawża quddiem il-QEDB kienu li "*On **29 January 2002** a hold-up in the applicant's business premises (a showroom), while he was present, was reported to the Police. The Police suspected that this was not a case of a real hold-up but of fabrication of false evidence".*

Dan ifisser li l-imsemmi Imħallef forsi seta' fela b'aktar reqqa dawn l-atti u forsi kien jitlob li jastjeni minn jheddu. Pero', il-Qorti tagħmilha ċara, li

b'ebda mod ma qiegħda tgħid li dan l-Imħallef ma għamilx xogħlu sewwa, partikolarment meta huwa magħruf kemm huwa rett u li jagħmel xogħlu b'reqqa.

*L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.*

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023 Dr. Julian Farrugia nforma lill-Qorti li kien hemm possibilita' li s-*Safe* inkwistjoni nstab. (a' fol 69). Fis-seduta tal-10 ta' Jannar inġieb *safe*. (ara a' fol 72 sa 74). Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2024 ir-rikorrenti ddikjara li ma kienx qiegħed jagħraf is-*Safe* (a' fol 101).

Il-Qorti tfakkar li dan is-*safe* kien presenti fil-Kamra tal-Maġistrat meta din kienet ħadet in-nar. Issa kif kulħadd jaf *safe* mhux tal-kartun iżda tal-ħadid. B'dan kollu dan is-*safe* ma ġiex rintraċċjat u dak li ġie muri lill-Qorti ma jistax jingħad li huwa hu. Il-Qorti osservat li r-rikorrent ma weriex xi ħeġġa partikulari biex jirrikonoxxih għal raġunijiet li jafhom hu biss.

Il-Qorti qieset jekk fir-rigward ta' din it-talba għandhiex tiddeklina milli tipprovdi għaliha. Bħala prinċipju d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza (Ara **Sentenza Kost tal-14 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet David Axiaq -vs- Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku**). Dan għandha tagħmlu b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mill-

banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Ara **Sentenza Kost tal-5 ta' April 1991 fl-ismijiet Vella -vs- Kummissarju tal-Pulizija et [Kollez. Vol: LXXV.i.106]** u dik tal-**P.A. Kost. tad-9 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet Clifton Borg -vs- Kummissarju tal-Pulizija** kif ukoll dik **Kost. tal-14 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet David Axiaq -vs- Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku).**

F'dan ir-rigward il-Qorti eżaminat sewwa l-fatti li waslu għall-għibien ta' dan is-*safe*. Il-Qorti tirrileva li dan is-*safe* qiegħed ikun imcaħħad mhux minħabba xi deċiżjoni tal-Qorti, bhal ma hija konfiska li allegatament ma saritx skond il-liġi. Ir-rikorrent qiegħed ikun imċaħħad minħabba l-għibien tiegħu wara inċident ta' ħruq kif fuq spjegat.

Il-Qorti tifhem ukoll li r-rikorrent għandu ragun jilmeta mill-fatt li għadu imċaħħad minn dan is-*safe*. Iżda l-Qorti ma tistax ma tosservax li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda, jekk qatt, għemil kolpuż ċivili da parti tal-Awtorita' minħabba nuqqas ta' diliġenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji tal-*bonus pater familias* tenut kont l-Awtorita' rilevanti hija wkoll meqjusa bħal depositarja u li għalhekk tikkustodixxi l-oġġett inkwistjoni.

F'dan kollu l-Qorti ma tilmaħx ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni imma pjuttost azzjoni ċivili ordinarja abbażi ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili u l-konsegwenzjali azzjoni għad-danni jekk ikun il-każ. Aktar minn hekk il-Qorti tfakkar li l-eżistenza ta' rimedju ieħor irid titqies fiż-żmien ta' l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali.

M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħal li kieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel (Ara **Sentenza Kost tad-9 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Paul McKay -vs- Kummissarju tal-Pulizija**).

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri lilha fdati mill-kostituzzjoni u ma tipprovdiex dwar il-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. B'dana kollu l-Qorti tissolleċita lill-Awtorita' kompetenti sabiex tikkopera mar-rikorrent biex issib dan is-*safe* u tikkonsenjahulu salv dejjem li ma hemmx xi konfiska tiegħu jew ordnijiet ta' Qorti li ma jippermettux li jkun hekk ikkonsenjat.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tillibera lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju** iżda biss sa fejn l-ilment jirrigwarda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**Tiddeklina milli teżerċita** d-diskrezzjoni fdata lil din il-Qorti mill-Kostituzzjoni inkwantu jirrigwarda l-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan għar-raġunijiet spjegati f'din is-Sentenza.

Fiċ-ċirkostanzi spejjes jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**